Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Data tal-laqgħa: 28 ta' Mejju 2020

Il-laqgħa nżammet *online* permezz ta' *Microsoft Teams,* nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2020 fl-4.00pm.

Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-laqgħa ma ġietx imxandra *live* fuq l-*internet* u lanqas kienet miftuħa għall-pubbliku.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 13. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

14.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 14.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

14.3.1 <u>Para 13.4.1 – *Parking* fuq il-bankina quddiem Kola Store</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa dwar din il-kwistjoni u talab li ninfurmaw lill-entitajiet tal-pjazza li l-Kunsill beħsiebu jdejjaq il-bankina u jinħoloq spazju għall-parkeġġ. Is-SE infurmat li l-Perit għadu qed jiċċekkja jekk dan hux possibbli. Is-SE infurmat ukoll, lit-tabella biex ma jipparkjawx fuq il-bankina twaħħlet. Ġie rrimarkat li din il-kwistjoni tqajmet mis-Supretendent tad-distrett, fejn kien infurmana li jekk ma jinħariġx permess minn TM, vetturi pparkjati fuq il-bankina (kull tip ta' bankina) se jiġu mħarrka.

14.3.2.1 <u>Para 13.4.4 – *Un/loading Bays* f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat li preżentament hemm 3 *un/loading bays*, li waħda minnhom (ta' quddiem il-ħanut Black Box) hija mingħajr permess. Is-SE qalet li wara li infurmat lill-TM, il-Kunsill irċieva l-permess minn TM tal-*un/loading bay* data 24 ta' April 2020.

14.3.2.2 Is-SE spjegat li fit-2018, ma kienitx ġiet approvata għax skond il-*policy* ta' TM dan it-tip ta' ħanut ma tikkwalifikax għal *un/loading bay*. Is-SE qalet li reġgħet kitbet lill-TM u qed tistenna risposta.

14.3.3 <u>Para 13.9.3 – Petizzjoni fuq it-tneħħija tal-i*sleeping policeman* fi Triq Ġuże' Bonnici – risposta mir-residenti</u>
Is-Sindku staqsa jekk ġietx ordnata t-tabella u l-i*slow road marking.* Is-SE ikkonfermat li ġew ordnati u x-xogħol se jsir fil-ġranet li ġejjin.

14.3.4 <u>Para 13.9.9 – *Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku staqsa kif bqajna fuq it-tneħħija tat-*traffic island.* Is-SE infurmat li ġiet ippreparata l-applikazzjoni li ser tintbagħat lill-TM fil-ġranet li ġejjin għall-approvazzjoni.

## 14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.4.1.1 <u>Tisbiħ tal-*Playing field*</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li tkellem mal-Perit u kkonferma li l-ewwel abbozz ta' pjanti ser ikunu lesti fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal li l-Fondi Sebbaħ il-Lokal ġew estiżi sal-aħħar ta' Diċembru 2022, kif ukoll kien hemm xi reviżjonijiet fid-DPF, fejn fost oħrajn proġett ta' *vertical gardens* jiġi ffinanzjat 100% tal-ispiża minn dawn il-fondi.

14.4.1.2 Is-Sindku qal li fil-lokalità m'hawnx ħitan fejn jista' jiġi mplimentat proġett bħal dan, ħlief il-ħajt tal-Kunvent, fejn il-propjetarji m'approvawx it-twaħħil ta' pjanti minħabba s-sigurtà tar-residenti. Is-Sindku qal li l-kunċett ta' *vertical gardens* jista' jiġi implimentat mal-ħitan li se jkun hemm fil-*playing field*.

14.4.2.1 <u>Tisbiħ tar-*roundabout* ta' Wesgħa Ġiġi Gauci</u>
Is-Sindku infurma li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda jaħdem fuq il-proġett ta' tisbiħ tar-*roundabout* ta' Wesgħa

Ġiġi Gauci. Is-Sindku qal li l-idea tal-*fencing* baxx dawramejt se tiġi eliminata peress li se jkun hemm riskju li jolqtu l-bibien tal-karozzi miegħu jekk isir. Is-Sindku qal li minflok jistgħu jiżdiedu l-*hedges* mad-dawra kollha, u fejn hemm spazju jitħawwlu xi pjanti u siġar u jsir xi tip ta' *paving* żgħir fin-nofs.

14.4.2.2 Il-Kunsilliera qablu ma' dan u ser inġiebu 3 kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

14.4.3.1 <u>*Parking* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-*ficus*</u>
Is-Sindku qal li xi residenti talbu li jitwaħħlu tabelli *'No Entry'* għax ħafna nies ma jafux li dik il-parti ġiet *one-way* u li l-vetturi ma jistgħux joħorġu min-naħa ta' Vjal De Paule u għalhekk talab li jsir xi ħaġa.

14.4.3.2 Is-SE infurmat li diġà hemm tabelli mwaħħlin k/m Vjal Sir M A Refalo. Il-Kunsill qabel li jsiru vleġeġ bħala *road markings* li jindikaw id-direzzjoni.

## 14.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

14.6.1.1 <u>*Local Council Performance Report for the year* 2019</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-*Local Council Performance Report* għas-sena 2019 imħejji minn kumpanija mqabbda mid-DGL. Dan ir-rapport jevalwa x-xogħol tal-Kunsill Lokali abbażi ta' 5 indikaturi deskritti fid-dokument *"A Benchmark for National Performance Indicators"*.

16.6.1.2 Saret laqgħa bejn il-Kunsillier Stephen Gatt u l-*Contracts Manager,* fejn ġie diskuss dan ir-rapport u ġew imħejjija l-kummenti u l-pjan ta' azzjoni għal kull indikatur.

16.6.1.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, dan ir-rapport, flimkien mal-kummenti u l-pjan ta' azzjoni ġew approvati unanimament.

16.6.1.4 Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Stephen Gatt u Dr Oliver Nicholas De Gaetano se jkunu qed jaħdmu fuq il-kampanja ta' informazzjoni.

## 14.7 Ċirkulari 5/2020 – *Corona Virus* (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni

14.7.1 Ġiet innutata Ċirkulari 5/2020 – *Corona Virus* (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni mibgħuta mid-DGL.

14.7.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill bil-miżuri proposti għall-operat tal-uffiċċju. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva l-miżuri mressqa. Kien hemm qbil ukoll li dawn il-miżuri jiġu aġġornati skond is-sitwazzjoni u l-Kunsilliera jiġu mgħarrfa bit-tibdiliet permezz ta' *emai*l. Apparti minn hekk, il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

14.7.3 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni li għaddietlu kumpanija partikolari, għax-xiri ta' 4,000 *surgical masks* biex ikunu jistgħu jitqassmu lir-residenti. Din l-ispiża li tammonta għal kważi €3,000 ma ġietx approvata.

14.7.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li persuna qed toffri pezza drapp tal-qoton li tista' tintuża biex isiru *face masks*. Ovvjament, il-Kunsill irid isib voluntiera li jkunu lesti li jħitu l-maskri. Kif ikollna l-materjal f'idejna, ser isir avviż fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill, fejn nagħmlu sejħa għal voluntiera.

## 14.8 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

14.8.1.1 <u>Devoluzzjoni tal-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>
Ġiet diskussa l-problema tal-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina, li ta' kuljum dejjem qed tiżdied.

14.8.1.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni (annessa – DOK 1), li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef biex bħala Kunsill nitolbu uffiċjalment id-devoluzzjoni ta' din l-għalqa.

14.8.1.3 Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament. Is-SE se tikkomunika din id-deċiżjoni lid-DGL, sabiex jibda l-proċess peress li nbidlet il-proċedura ta' kif tapplika għad-devoluzzjoni.

14.8.2.1 <u>Attivitajiet għal żmien il-Milied</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li f'laqgħat preċedenti kienu qablu li jiġi diskuss dan l-*item* fil-laqgħa ta' Mejju. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, il-Kunsill qabel li ma tistax tiġi ppjanata attività minn issa minħabba l-inċertezza tas-sitwazzjoni u għalhekk id-diskussjoni fuq l-attivitajiet tiġi posposta għal-laqgħa li jmiss.

14.8.2.2 Fuq it-tiżjin ta' toroq bi dwal tal-Milied, il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil lid-dwal se jsiru xorta. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li la darba se jsiru xorta, il-Kunsill jibda jaħdem fuq il-kwotazzjonijiet biex ma nħallux għall-aħħar. Kien hemm diskussjoni u l-Kunsill qabel li nġiebu kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'Wied Ħal Balzan, Triq il-Kbira, Triq il-Kannizzata u Triq San Franġisk. It-toroq ġew magħżula fejn diġà hemm ventijiet imwaħħlin. Ser inġiebu kwotazzjonijiet ukoll għal siġra imżejna fuq il-bankina maġenb il-knisja u dwal mas-siġar ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima.

14.8.2.3 Ser tittieħed deċiżjoni finali wara li l-kwotazzjonijiet jiġu mqabbla mal-*budget* allokat.

14.8.3.1 <u>Statwa ta' Santa Marija</u>

Ġiet imsemmija l-istatwa ta' Santa Marija minħabba l-istat li tinsab fiha u l-bżonn li tiġi rrestawrata immedjatament. Is-SE infurmat li għal sentejn konsekuttivi, il-Kunsill applika mad-DGL għall-iskema ta' restawr u d-darbtejn ma ġietx approvata.

14.8.3.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk bħala Kunsill konniex iċċekkjajna mad-DGL dwar l'liema applikazzjonijiet ġew approvati għax il-valur storiku li fiha din l-istatwa huwa identiku mal-valur ta' statwa f'lokalità partikolari li ibbenefikat minn fondi għax ġew maħduma mill-istess skultur. Is-SE qalet li wara li ġejna nfurmati li l-applikazzjoni ma ġietx approvata, kienet kitbet immedjatament lid-DGL u sal-lum għadha ma rċevietx risposta.

14.8.3.3 Is-Sindku qal li fil-leġislatura preċedenti il-Kunsill kien ġab kwotazzjoni li tammonta għal eluf ta' ewro. Il-Kunsill m'għandux fondi biex jiffinanzja din l-ispiża.

14.8.3.4 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li ninfurmaw lid-direttorat dwar is-sitwazzjoni tal-istatwa. Kien hemm qbil ukoll li din il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier Oliver Nicholas De Gaetano se jiċċekkja jekk hemmx xi fondi disponibbli li l-Kunsill jista' japplika għalihom.

14.8.4.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/058 – Applikazzjoni għall-*EPOS Machine* - BOV</u>

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/058 – Applikazzjoni għall-*EPOS Machine* – BOV mibgħuta mill-AKL.

14.8.4.2 Il-Kunsill, permezz ta' riżoluzzjoni unananimament approva li japplika għas-servizz ta' *EPOS Machine,* biex il-klijenti jkollhom il-possibiltà li jibdew iħallsu bil-*card.* Peress li l-Kunsill għandu kont *savings* biss mal-BOV, kien hemm qbil unanimu li jinfetaħ kont kurrenti, li jkollu *cheque book* abbinat miegħu, sabiex il-ħlasijiet li jsiru bl-*EPOS* jiġu depożitati fih.

14.8.4.3 Hekk kif tgħaddi l-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsillier Mary Louise Briffa flimkien mal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef ser ikunu qed jaħdmu biex tiġi organizzata sessjoni ta' tagħrif *'Modern Financial Literacy'* biex ngħinu lir-residenti speċjalment l-anzjani jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sistemi finanzjarji taż-żminijiet tal-lum.

14.8.5.1 <u>*One-Way* fi Triq San Franġisk</u>

Is-SE infurmat li TM approvaw li tiġi implimentata l-*one-way system* bi prova, minflok issir il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti. TM qed jitlobu li l-perjodu ta' prova jkun għal tliet u mhux xahar.

14.8.5.2 Il-Kunsill qabel u ser jiġu ordnati t-tabelli neċessarji biex il-perjodu ta' prova jibda fl-1 ta' Lulju 2020.

14.8.6.1 <u>Talba biex jiġi installati diversi *sleeping policemen* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġew ippreparati l-ittri li ser jintbagħtu lir-residenti affettwati fil-ġranet li ġejjin. Ir-residenti li ser jirċievu l-ittra ser ikollhom ċans sa ftit ġranet qabel il-laqgħa li jmiss sabiex jibgħatu l-oġġezzjoni tagħhom għall-i*sleeping policemen* proposti. Din il-kwistjoni flimkien mar-rispons tar-residenti se jiġu diskussa fil-laqgħa li jmiss.

14.8.6.2 Ir-resident li ressaq it-talba għall-i*sleeping policemen* qed jissuġġerixxi li jitwaħħlu tabelli li jindikaw *speed limit* tul it-triq kollha. Din it-talba ma ġietx approvata għax b'ħafna tabelli jiġi ostakolat l-aċċess tal-bankini peress li dojoq.

14.8.7 Teatru Gallarija

Ġiet innutata proposta ta' Teatru tat-Triq mibgħuta minn kumpanija ta' divertiment. Din il-proposta ma ġietx approvata.

14.8.8.1 Qtates jitħallew jiġġerrew fi proprjetajiet privati

Ġie innutat ilment ta' residenta dwar qtates domestiċi li qed jitħallew jiġġerrew barra u jidħlu fi proprjetajiet privati.

14.8.8.2 Il-Kunsill irrimarka li din l-azzjoni ma tistax tiġi ikkontrollata u ma nistgħu nieħdu l-ebda azzjoni.

14.8.9.1 Talba biex isiru *dyl* fi Triq Santa Marija

Residenta qed titlob biex isiru *dyl* faċċata tal-garaxx tagħha fi Triq Santa Marija għax peress lit-triq dejqa qed issibha diffiċli biex tidħol / toħroġ mill-garaxx speċjalment meta jkun hemm vettura pparkjata quddiem il-garaxx ta' ma ġenbha.

14.8.9.2 Il-Viċi Sindku iddikjara kunflitt ta' interess peress li għandu garaxx fi Triq il-Barriera u jekk isiru *dyl* tul Triq Santa Marija, jkun jista' jgħaddi aktar faċli bil-karozza mit-triq.

14.8.9.3 Is-SE infurmat li ftit taż-żmien ilu kienu saru *dyl* faċċata tal-garaxx ta' ma ġenbha. Il-Kunsill iddiskuta u approva din it-talba u ser napplikaw għall-permess ma' TM.

14.8.10 Problema ta' ilma tax-xita li jidħol fil-garaxxijiet ta' Giardini Grove fi Triq it-Tabib J Zammit

Issa li qed issir it-triq minn IM, resident qed jitlob li jsir xi ħaġa biex tissolva l-problema ta' ilma tax-xita li qed jidħol fil-garaxxijiet. Is-SE infurmat li kitbet lill-Perit ta' IM inkarigat mill-proġett dwar dan. Ġiet innutata r-risposta tal-Perit fejn qal li din il-problema hija kkawżata mill-mod ta' kif ġiet mibnija l-binja u għalhekk il-Perit li ħa ħsieb il-kostruzzjoni u l-iżvilupp tal-binja huwa responsabbli. Ir-resident ġie nfurmat bir-risposta tal-Perit ta' IM.

14.8.11.1 Problema tal-ħamiem fi Triq Sant'Antnin

Ġiet diskussa *email* mibgħuta minn resident dwar il-problema ta' ħamiem fi Triq Sant'Antnin.

14.8.11.2 Ġie ikkjarifikat li mhu ser jsir l-ebda *culling* mill-Kunsill. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-AKL kienu qed jaħdmu fuq Tender dwar il-kontroll tal-ħamiem u ser jiġi ċċekkjat f'hiex wasal il-proċess.

14.8.12.1 Wied Ħal Balzan

Issemmiet il-problema ta' drenaġġ li qed ifur meta tagħmel ix-xita. Is-SE infurmat lill-Kunsill li kienet infurmat lill-Perit li kien inkarigat mill-proġett, fejn kien infurma li IM għamlu sistema ġdida tad-drenaġġ kif mitlub u ordnat mill-Inġiniera ta' WSC. Il-Perit ser jikteb lill-WSC dwar din il-problema. Is-SE se tinfurmah biex iżomm lill-Kunsill ikkupjat fil-korrispondenza li jkun hemm bejn IM u WSC.

14.8.12.2 Il-Viċi Sindku għamel referenza għal *post* fuq Facebook ta' eks-Kunsillier fejn qal li suppost kellhom jinbidlu l-katusi tad-drenaġġ minn fejn id-Dolphin Centre sa fejn Costa Coffee għax kienu żgħar wisq u ma jifilħux għall-volum kollu. Dan ix-xogħol baqa' qatt ma sar.

14.8.12.3 Is-Sindku spjega li meta kien diġà beda l-proġett ta' Balzan Valley, l-Inġ. Fredrick Azzopardi (IM) kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien inqala' diżgwid bejn IM u WSC fuq min kien ser jiffinanzja din l-ispiża addizzjonali peress li dan ix-xogħol ma kienx ippjanat li jsir.

14.8.13.1 *Urban Greening* f'Ħal Balzan

Ġiet innutata proposta ambjentali (*Urban Greening*) minn resident. Ir-resident jixtieq jiddiskuti din il-proposta mal-Kunsill u lest li joffri l-ħin tiegħu biex jgħin lill-Kunsill jimplimenta din il-proposta.

14.8.13.2 Il-Kunsill se jiltaqa' mar-resident biex tiġi diskussa din il-proposta fid-dettal.

14.8.14 *Dog bins* fil-lokalità

Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li diversi residenti qed jitolbu li jiġu nstallati *dog bins* fiż-żona ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Ġie rrimarkat li f'dawk l-inħawi hemm ħafna *dog bins*. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li tiġi ppubblikata lista / *site plan* li tindika d-*dog bins* għax ħafna nies ma jafux fejn qiegħdin. Il-Kunsill qabel.

14.8.15.1 Periklu fi Triq B. Bontadini

Il-Viċi Sindku semma l-problema ta' Triq B Bontadini u s-SE infurmat li għadha qed tistenna risposta

mingħand ir-residenta li kienet talbet biex jiġu implimentati miżuri li jiskoraġġixxu s-sewwieqa milli jibqgħu ġejjin dritt min-naħa ta' Birkirkara.

14.8.15.2 Il-Viċi Sindku qal lir-residenta għaddietlu xi suġġerimenti li ġew diskussi mill-Kunsill. Ser niktbu lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara peress liż-żona tinsab bejn żewġ Kunsilli biex ninfurmawhom bil-problema u nissuġġerulhom li ssir *sleeping policeman* qabel ma toħroġ għal Triq P. P. Castagna.

14.8.16 Triq it-Tabib J Zammit

Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li resident li joqgħod k/m Triq il-Providenza qed jitlob li ssir bankina quddiem id-dar tiegħu, issa li qed issir it-triq minn IM. Se niċċekkjaw mall-Perit inkarigat mill-proġett jekk tistax issir bankina peress li dik il-parti tat-triq dejqa.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.9.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/20, li tinkludi l-ammont ta' €226.65c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2020.

14.9.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

14.9.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* huwa mikri sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jerġa' jikri l-garaxx bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €950 kull 6 xhur. Ser jiġi ċċekkjat mas-sid jekk jaċċettax li jikri għal sena minflok għal sitt (6) xhur.

## 14.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

14.10.2 Sakemm ma jkunx hemm Direttivi ġodda, il-laqgħa li jmiss se ssir *online* permezz ta' *Microsoft Teams,* nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Dok 1**

Mozzjoni imressqa minni Sindku ta' Ħal Balzan illum 28 ta' Mejju, 2020 li permezz tagħha qiegħed nitlob li ssir id-devoluzzjoni favur il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan tal-għalqa li tinsab bejn Triq Idmejda u Triq Birbal, liema devoluzzjoni għandha ssir għal perjodu ta' mhux anqas minn 10 snin, u dan sabiex tinbidel *f'Controlled Parking Area* li tinkludi *landscaping* u *vertical garden*. Permezz ta' din d-devoluzzjoni, il-problema kbira tal-parkeġġ sejra tittaffa konsiderevolment, u fl-istess ħin telimina l-abbużi li qed isiru minnha fil-preżent.

Nutar Ian Spiteri
Sindku
**Proponent**

Dr Angelo Micallef
Viċi Sindku
**Sekondant**